# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 18**

**Rikors maħluf numru 22/2005 PC**

**Silvio Zammit**

***v.***

**Avukat Francesco Depasquale bħala mandatarju tal-aħwa Carrie-Ann Grech u Trudie Grech; u b'dikriet tal-25 ta' Frar 2010 l-Avukat Carmelo Galea ssejjaħ fil-kawża bħala esekutur testamentarju tal-eredità tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Grech; u b'dikriet tas-27 ta' Marzu 2012 l-Avukat Kevin Mompalao inħatar kuratur *ad litem* minflok l-Avukat (illum Maġistrat) Francesco Depasquale sabiex fimkien mal-Avukat Carmelo Galea, ġà parti fil-kawża, jieħu ħsieb l-interessi ta' wlied il-mejjet Carmelo Grech**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li kienet laqgħet talba tal-attur biex jitħassar dikriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni

Volontarja li bih l-attur kien tneħħa minn esekutur testamentarju. Huwa wkoll appell minn dikriet tat-8 ta' Ottubru 2008 li bih l-ewwel qorti kienet ippermettiet lill-attur li jressaq xi xiehda.

2. L-attur, flimkien mal-Avukat Carmelo Galea, kien inħatar esekutur testamentarju tal-wirt ta' Carmelo *sive* Charles Grech. Fuq talba tal-konvenuti Carrie-Anne Grech u Trudie Grech, werrieta ta' Carmelo Grech taħt kondizzjoni sospensiva, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja b'dikriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2004 kienet neħħiet lill-attur minn esekutur testamentarju "*stante* n-nuqqas ta' interess fl-eredità tal-imsemmi Charles Grech".

3. Billi deherlu illi ma huwiex fl-interess tal-wirt li hu jitneħħa minn esekutur, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »i. tirrevoka d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-7 ta' Mejju 2004 li permezz tiegħu l-attur tneħħa minn eżekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech;
>
> »ii. tordna illi l-attur jerġa' jiġi nominat bħala eżekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech u dana skond id-dispożizzjonijiet testamentarji tal-istess Charles Grech kif kontenuti fit-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru tas-sena 1999.«

4. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li jiġi revokat digriet ta' din il-qorti fil-kompetenza volontarja tagħha tas-7 ta' Mejju 2004 li permezz tiegħu huwa tneħħa minn ko-esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Grech, u konsegwentement li jerġa' jiġi integrat f'dan l-inkarigu.
>
> »… … … Bl-eċċezzjonijiet … tiegħu [l-Av. Carmelo Galea *nomine*] jikkontendi li l-attur stess jaħti li tneħħa minn ko-esekutur u dan minħabba l-aġir tiegħu. Jissottemetti wkoll li l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja kellha kull dritt tneħħih fit-termini tal-artikoli 518 u 519 tal-Kap. 12. … … …

»Irriżulta mill-atti illi bis-saħħa tat-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru 1999, Carmelo *sive* Charles Grech kien innomina lill-attur ko-esekutur testamentarju tiegħu flimkien mal-kjamat fil-kawża Dottor Carmelo Galea. F'dan it-testment kien hemm kondizzjoni sospensiva fis-sens li l-eredi tat-testatur kellhom jidħlu fil-wirt meta jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin sena, u f'każ ta' premorienza qabel ma tavvera ruħa din il-kondizzjoni kellhom jirtuh ħutu. In segwitu għall-mewt tat-testatur, din in-nomina ġiet konfermata minn din il-qorti fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha, u l-istess attur u kjamat fil-kawża bdew jesegwixxu d-disposizzjonijiet testamentarji skond ix-xewqa u rieda tat-testatur. Ġara illi wara xi żmien ulied it-testatur, permezz tal-mandatarju tagħhom il-konvenut *nomine*, intavolaw rikors quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fejn, fost ħwejjeġ oħra, għamlu referenza għan-nuqqas ta' qbil li kien qed ikun hemm bejn il-ko-esekuturi, u li minħabba f'hekk l-esekuterija kienet qed tiġi mfixkla. In segwitu għal dan ir-rikors, dik il-qorti tat digriet fejn *inter alia* neħħiet lill-attur minn ko-esekutur "*stante* n-nuqqas tal-interess fl-eredità tal-imsemmi Charles Grech", u dan wara li għamlet referenza għall-artikolu 776 tal-Kap.16.

»Huwa minnu illi a tenur tas-subinċiż (2) ta' dan l-artikolu l-esekutur testamentarju "jista' wkoll, għal raġuni tajba, jiġi mneħħi minn esekutur", u li dan il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja setgħet tagħmlu fit-termini tal-artikoli 518 u 519 tal-Kap. 12. Imma skond l-artikolu 518 il-qorti setgħet tilqa' t-talba għas-sostituzzjoni ta' esekuturi jew amministraturi oħra "meta huma ma jkunux iridu jaċċettaw il-kariga, jew imutu, jew xort'oħra jsiru inkapaċi biex jesegwixxu d-dmirijiet ta' dik il-kariga". Fil-każ in eżami, huwa evidenti li r-raġuni tal-mewt ma tapplikax. Skond l-artikolu sussegwenti, imbagħad, għandu jkun hemm presunzjoni li l-esekutur ammetta t-talba għas-sostituzzjoni tiegħu, f'każ biss li ma tkunx inġiebet prova dwar ir-rifjut pożittiv tiegħu tan-nomina jew li dan kien inkapaċi jwettaq id-doveri tiegħu, u l-eskutur in kwistjoni jkun naqas li jwieġeb għat-talba tas-sostituzzjoni fi żmien erbat ijiem min-notifika lilu ta' din it-talba.

»Kif rajna, dik il-qorti ordnat it-tneħħija tal-attur minn esekutur "*stante* n-nuqqas tal-interess fl-eredità tal-imsemmi Charles Grech", u allura li fehmet li ma riedx ikompli fl-inkarigu presumibilment (għax ma ġiex speċifikat fiex kien jikkonsisti dan in-nuqqas ta' interess tiegħu), sempliċement għax naqas milli jwieġeb fil-ħin għar-rikors tal-konvenut *nomine* tat-23 ta' Marzu 2004 u milli jattendi għas-seduta li kienet ġiet appuntata għas-smigħ ta' dan ir-rikors.

»Imma l-fatti, kif anke jirriżultaw mill-provi prodotti f'din il-kawża, juru li l-attur altru milli kellu interess ikompli jaqdi l-inkarigu tiegħu f'din l-esekuterija. Huwa spjega b'mod konvinċenti li ma attendiex għas-seduta in kwistjoni minħabba malintiż mas-segretarja tal-avukat li kellu dak iż-żmien, li indikatlu data żbaljata, u dan wara li kien għadda l-kopja tal-istess rikors hekk kif irċevieh lill-avukat tiegħu. Dan ġie anke konfermat b'mod kategoriku mill-Avukat Chris Said. Fl-*affidavit* tiegħu u fil-bosta dokumenti minnu esebiti, l-attur fisser ukoll fid-dettal kif huwa dejjem ħa l-ikbar interess f'din l-esekuterija sabiex jara li, fil-likwidazzjoni tal-assi tad-*decujus* u l-bejgħ tagħhom ħalli jitħallsu d-djun li kien hemm, jinġieb l-aħjar prezz possibbli, u li ħafna mid-disgwid li kien hemm bejnu u l-ko-esekutur l-ieħor u l-eredi kien appuntu fuq liema offerta setgħet kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Hemm ukoll fattur ieħor li jkompli jikkonvinċi lil din il-qorti bl-interess

assidwu u personali tal-attur f'din l-esekuterija. Dan huwa l-fatt li martu u ħutha kienu ser ikunu l-eredi tad-*decujus* in sostituzzjoni għal uliedu, f'każ ta' premorienza tagħhom qabel ma dawn jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin sena.

»Fil-fehma ta' din il-qorti, ġaladarba fir-rikors tal-konvenut *nomine* tat-23 ta' Marzu 2004 ma kienx qed jiġi allegat li l-attur ma riedx ikompli fl-inkarigu tiegħu u l-anqas li kien inkapaċi, anzi lmenta biss minn nuqqas ta' qbil bejn il-ko-esekuturi u l-attidudini li l-attur kien qed jieħu fil-konfront tal-eredi u tal-esekutur l-ieħor, dak li messha għamlet il-qorti ta' ġurisidizzjoni volontarja, kemm-il darba ħasset li l-konvenut *nomine* seta' kellu raġun f'dak li kien qed jallega, u l-esekuterija ma setgħetx tkompli titmexxa b'dak il-mod, kien li tissospendi lill-attur mill-inkarigu tiegħu bis-saħħa tal-artkolu 516 tal-Kap. 12 u mhux li taqbad u tneħħih għal kollox. L-attur imbagħad kien ikollu dritt, a tenur tal-artikolu sussegwenti, li jintavola kawża quddiem il-qorti kontenzjuza biex tiġi mhassra dik l-ordni ta' sospensjoni.

»Għalhekk, indipendentement mill-fatt tan-nuqqas tal-attur li jwieġeb fil-ħin għar-rikors tal-konvenut *nomine* tat-23 ta' Marzu 2004 u l-assenza tiegħu fis-seduta appuntata għas-smigħ tal-istess rikors, billi rriżultaw provi suffiċenti li jindikaw b'mod mill-iżjed konvinċenti li l-attur qatt ma tilef l-interess f'din l-esekuterija, il-pretensjonijiet tiegħu rriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

»Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* u tal-kjamat fil-kawża, tilqa' t-talbiet attriċi u:

»1. tirrekova d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tas-7 ta' Mejju 2004, li permezz tiegħu l-attur tneħħa minn esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Grech; u konsegwentement;

»2. tordna li l-istess attur jerġa' jiġi nominat bħala esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Grech, u dan skond id-disposizzjonijiet testamentarji tiegħu kif kontenuti fit-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru tas-sena 1999.

»L-ispejjeż, kemm ta' din is-sentenza, kif ukoll ta' dik preliminari tal-4 ta' Novembru 2010, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ikunu a karigu tal-esekuterija tal-imsemmi Carmelo *sive* Charles Grech.«

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-24 ta' Jannar 2013 li għalih l-attur wieġeb fit-8 ta' Marzu 2013.

6. L-ewwel u t-tielet aggravji huma marbuta flimkien. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jgħidu illi l-ewwel qorti interpretat ħażin it-testment ta' Carmelo Grech li bih l-attur kien inħatar esekutur testamentarju u fit-tielet aggravju jgħidu illi interpretazzjoni korretta tat-test-

ment għandha twassal għall-konklużjoni li kienet waslet għaliha l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, *viz.* li l-attur ma għandux "interess fl-eredità". Fissru dawn l-aggravji hekk:

> »L-ewwel aggravju
>
> »L-ewwelnett l-ewwel onorabbli qorti immisinterpretat it-testment tad-*decujus* meta qalet li t-testatur ħatar lil uliedu bħala eredi universali tiegħu suġġett għal kundizzjoni sospensiva "fis-sens li l-eredi tat-testatur kellhom jidħlu fil-wirt meta jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin sena, u, f'każ ta' premorienza qabel ma tavvera ruħha din il-kondizzjoni, kellhom jirtuh ħutu". Effettivament, id-*decujus* kien ordna li ħutu jirtu biss jekk uliedu jmutu qabel ma jilħqu ħamsa u erbgħin sena, mingħajr ma jkollhom ulied.
>
> »Dan jirriżulta ċar mit-tielet paragrafu tal-ħames artikolu tat-testment li jipprovdi testwalment
>
> > »"Jekk xi waħda mill-eredi nominati tiġi nieqsa qabel it-testatur jew qabel tilħaq l-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, is-sehem altrimenti spettanti lilha għandu jiddevolvi favur uliedha nati u naxxituri fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom u in mankanza ta' tali ulied jakkrexxi mas-sehem ta' oħtha."
>
> »Jidher, fid-dawl ta' ċerti kunsiderazzjonijiet oħra tal-ewwel onorabbli qorti (li dwarhom l-esponenti ser jittrattaw iktar 'il quddiem) li din il-kunsiderazzjoni effettivament ingħatat importanza kbira mill-ewwel onorabbli qorti u kienet fattur importanti li wasslitha sabiex iddeċidiet il-kawża kif fil-fatt iddeċidietha. Jirriżulta wkoll li fil-mument li Silvio Zammit kien tneħħa mill-kariga tiegħu l-ulied tiegħu[1] t-tnejn kellhom żewġt ulied kull waħda – u għalhekk kieku huma t-tnejn ġew jew jiġu neqsin qabel ma jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, l-eredi tiegħu kienu jkunu n-neputjiet (*grandchildren*) tiegħu u mhux ħutu.
>
> »It-tielet aggravju
>
> »It-tielet aggravju huwa bbażat fuq id-dikjarazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti fis-sens li "hemm ukoll fattur ieħor li jkompli jikkonvinċi(ha) ... bl-interess assidwu u personali tal-attur f'din l-esekuterija. Dan huwa l-fatt li martu u ħutha kienu ser ikunu l-eredi tad-*decujus*, in sostituzzjoni għal uliedu, f'każ ta' premorienza tagħhom qabel ma dawn jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin sena".
>
> »Dwar dan is-suppost interess, l-esponenti jirrilevaw, qabel xejn, li dan il-"fattur" huwa bbażat fuq premessa falza u skorretta – l-interpretazzjoni ħażina tad-disposizzjonijiet testamentarji tad-*decujus*, li, kuntrajament għal dak ritenut mill-ewwel qorti, ma jgħidux li, f'każ ta' mewt ta' ulied it-testatur qabel ma dawn jagħalqu tmintax-il [*recte*, ħamsa u erbgħin] sena, kellhom jirtu ħutu.
>
> »Fit-tieni lok, l-interess personali tal-attur fl-assi tal-esekutorija ravviżat mill-ewwel onorabbli qorti ma huwiex l-interess ta' amministrazzjoni

[1] Jidher illi r-referenza hija għal ulied it-testatur Carmelo Grech, mhux ulied l-attur Silvio Zammit.

tajba u s-sens ta' responsabbiltà u lealtà lejn il-benefiċċjarji attwali rikjest minn esekutur testamentarju. Pjuttost il-kuntrarju. L-interess personali li l-ewwel onorabbli qorti hija konvinta li kien jimmotiva lill-attur jeskludi kull possibbiltà li l-attur jamministra l-assi ereditarji ta' Carmel Grech fl-aħjar interess ta wliedu. Esekutur testamentaiju għandu idealment ikun immotivat b'sens ta' imparzjalità u nuqqas ta' motivazzjoni ta' gwadann personali fil-ġestjoni tiegħu, sabiex ikun jista' jagħraf aħjar id-dmirijiet tiegħu lejn il-benefiċċjarji tal-assi li qiegħed jamministra. Altrimenti jkun [hemm] possibbiltà serja u inevitabbli ta' konflitt ta' interessi fil-persuna involuta; u jiġri dak li sfortunatament ġara fil-każ odjern – konflitti kontinwi u dejjem iktar aċerbi bejn l-esekutur u l-benefiċċjarji tad-*decujus*.

»Kienet għaldaqstant korretta l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja meta din ikkonkludiet li l-esekutur kien qed juri "nuqqas ta' interess" fl-esekutorija. In-nuqqas ta' interess li rrimarkat dik l-onorabbli qorti ma kienx nuqqas ta' interess personali fl-assi tal-esekutorija *bensì* n-nuqqas tal-attur li jġib quddiem għajnejh u jipprova javvanza l-interessi tal-esekutorija bħala distinti, u possibbilment anke in kuntrast u kontrapożizzjoni għall-interessi tiegħu stess.«

7. Ma jidhirx ċar x'fehmet il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja meta ħassret il-ħatra tal-attur bħala esekutur testamentarju minħabba "nuqqas ta' interess fl-eredità", jekk hux nuqqas ta' interess fis-sens popolari tal-kelma, *viz.* li ma jimpurtahx x'jiġri mill-wirt, jew nuqqas ta' interess fis-sens tekniku tal-kelma, *viz.* nuqqas ta' interess ġuridiku billi ma għandu ebda vantaġġ x'jikseb. Għandna nassumu illi qorti tuża kelma teknika fis-sens tekniku tagħha u mhux fis-sens popolari.

8. Fil-fatt f'dawn l-aggravji jidher ċar illi l-konvenuti qegħdin jifhmu l-kelma fis-sens tekniku tagħha għax igħidu illi l-attur issa ma għadx għandu dak l-interess fil-wirt illi l-ħatra tiegħu bħala esekutur kienet maħsuba biex tħares, *viz.* il-possibilità li martu tiret sehem. Dan, iżda, ma huwiex minnu. Id-disposizzjonijiet testamentarji relevanti ma humiex biss dik ċitata mill-konvenuti appellanti iżda huma dawn:

»Il-ħames artikolu

»It-testatur jinnomina u jistitwixxi bħala eredi universali tal-beni tiegħu kollha mobbli u immobbli, preżenti u futuri, liż-żewġ uliedu Carrie-Anne, xebba, u Trudy, xebba, aħwa Grech, … … … fi kwoti ugwaii u indiviżi

> bejniethom, u dan taħt il-kondizzjoni sospensiva li l-eredi nominati jilħqu l-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena. Għaldaqstant kull waħda mill-eredi tkun tista' tipperċepixxi sehemha mill-eredità kif appena hija tagħlaq tali età.
>
> »… … …
>
> »Jekk xi waħda mill-eredi nominati tiġi nieqsa qabel it-testatur jew qabel tilħaq l-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, is-sehem altrimenti spettanti lilha għandu jiddevolvi favur uliedha nati u naxxituri fi kwoti ugwali u indiviżi bejniethom u in mankanza ta' tali ulied jakkrexxi mas-sehem ta' oħtha.
>
> »F'każ li ż-żewġt ulied tat-testatur jiġu nieqsa mingħajr ulied sopravissuti qabel ma' tavvera ruħha l-kondizzjoni sospensiva, it-testatur jinnomina bħala eredi universali tiegħu lil ħutu kollha jew id-dixxendenti tagħhom *per stirpes* indiviżament u fi kwoti ugwali bejniethom.
>
> »Is-sitt artikolu
>
> »It-testatur jinnomina u jistitwixxi bħala esekuturi testamentarji tiegħu sabiex jamministraw l-assi ereditarji tiegħu sakemm tavvera ruħha l-kondizzjoni sospensiva fin-nomina tal-eredi tiegħu lill-Avukat Dottor Carmelo Galea … … … u lil Silvio Zammit … … …«

9. Għandhom raġun il-konvenuti appellanti jgħidu illi l-ħatra tal-attur hija marbuta mal-interess li għandu li martu tista' tiret sehem mill-wirt u li hekk kif tintemm dik il-possibilità għax isseħħ il-kondizzjoni li qiegħda tissospendi l-ħatra ta' wlied it-testatur jew ta' uliedhom bħala werrieta, l-interess tal-attur, u għalhekk ukoll il-ħatra tiegħu, jintemm. Madankollu l-kondizzjoni għadha ma seħħitx, għax ma nġibitx prova illi ulied it-testatur għalqu l-età ta' ħamsa u erbgħin (45) sena. Għalkemm min-natura tal-affarijiet hija żgħira l-probabilità li kemm ulied it-testatur u kemm uliedhom jiġu niqesa qabel ma l-ulied jilħqu dik l-età, ma jistax jingħad illi l-possibilità hija għal kollox eskluża u, sakemm għad hemm dik il-possibilità, ladarba l-ħatra saret "sakemm tavvera ruħha l-kondizzjoni sospensiva fin-nomina tal-eredi" l-interess tal-attur ma naqasx.

10. Jekk imbagħad huwiex minnu illl-attur ma qediex id-dmirijiet tiegħu b'"responsabbiltà u lealtà", kif jingħad fit-tieni parti tat-tielet aggravju,

ma huwiex il-meritu ta' dawn il-proċeduri, għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ma qisitx din l-allegazzjoni u ma ħassritx il-ħatra tal-attur għal din ir-raġuni, iżda għal raġuni oħra, *viz.* nuqqas ta' interess. Nuqqas ta' interess ma jfissirx, kif igħidu l-konvenuti, nuqqas ta' qadi jew qadi ħażin tad-dmirijiet. U lanqas ma huwa minnu dak li jgħidu l-konvenuti appellanti li l-interess personali tal-attur – il-possibilità li martu tiret sehem mill-wirt – huwa inkompatibbli mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu b'lealtà u korrettezza għax "esekutur testamentarju għandu idealment ikun immotivat b'sens ta' imparzjalità u nuqqas ta' motiv-azzjoni ta' gwadann personali"; anzi, kien appuntu dan l-interess personali tal-attur ir-raġuni għala nħatar esekutur, u għala t-testatur ried illi l-ħatra tintemm meta dak l-interess jiġi nieqes meta sseħħ il-kondizzjoni sospensiva biex il-wirt igħaddi għand ulied it-testatur. Li kieku kien kif igħidu l-konvenuti, kieku werriet qatt ma jista' jkun esekutur.

11. Dawn iż-żewġ aggravji huma għalhekk miċħuda.

12. Fit-tieni aggravju mbagħad il-konvenuti jgħidu illi n-nuqqas ta' interess għala l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ħassret il-ħatra tal-attur kien il-fatt li ma jimpurtahx mill-esekutorija, *i.e.* ma kellux interess fis-sens popolari aktar milli tekniku tal-kelma. Dan, igħidu l-konvenuti, jixhdu l-fatt illi l-attur ma deherx għas-seduta quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

13. Din il-qorti iżda taqbel mal-apprezzament ta' fatt li għamlet l-ewwel qorti meta qalet illi l-attur ma deherx għal dik is-seduta mhux bi

traskuraġni jew għax ma jimpurtahx iżda bi żball ġenwin, u taqbel ukoll illi r-raġuni mressqa mill-attur hija waħda plawsibbli. Għalhekk ma tarax li hemm raġuni tajba għala għandha tiddisturba l-konklużjoni tal-ewwel qorti dwar dan, u t-tieni aggravju wkoll huwa miċħud.

14. Ir-raba' aggravju jolqot l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti lill-artt. 518 u 519 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »Ir-raba' aggravju tal-esponenti jirrigwarda l-interpretazzjoni li l-ewwel onorabbli qorti tat lill-artikoli 518 *et seq.* tal-Kap. 12. Il-qorti telqet mill-premessa korretta meta kkonkludiet li, fit-termini tal-artikolu 518 tal-Kap. 12, il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja setgħet tneħħi lill-attur mill-funzjoni tiegħu ta' esekutur testamentarju "għal raġuni tajba". Imma minn hemmhekk hija waslet għall-konklużjoni li r-raġuni tajba li għaliha esekuturi testamentarji jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom hija limitata għal "meta huma ma jkunux iridu jaċċettaw il-kariga, jew imutu, jew xort'ohra jsiru inkapaċi biex jesegwixxu d-dmirijiet ta' dik il-kariga". Skont l-ewwel qorti, l-artikolu 519 huwa biss limitazzjoni tal-artikolu 518 u ma jipprospettax każijiet ta' tneħħija ta' esekutur testamentarju għar ragunijiet differenti minn dawk ipprospettati fl-artikolu 518, imma biss jippreċiza l-metodu *ossia* l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex esekutur jitneħħa mill-kariga.
>
> »Huwa sottomess bir-rispett, però, li din l-interpretazzjoni hija waħda skorretta. Dawn iż-żewġ artikoli huma fformulati kif gej:
>
> > »"518. It-talba sabiex jigu mqiegħda esekuturi, amministraturi, prokuraturi, jew konsulturi minflok dawk maħturin b'testment jew att ieħor, meta huma ma jkunux iridu jaċċettaw il-kariga, jew imutu, jew xort'ohra jsiru inkapaċi biex jesegwixxu d-dmirijiet ta' dik il-kariga, għandha ssir lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, barra minn meta skond il-liġi din is-sostituzzjoni għandha ssir minn awtorità jew persuna oħra
> >
> > »"519 (1) Meta ma jiġix ippruvat li kien hemm rifjut pożittiv jew inkapaċità għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, il-qorti tordna li r-rikors għas-sostituzzjoni jiġi nnotifikat lill-parti illi kontra tagħha tintalab is-sostituzzjoni, biż-żmien ta' erbat ijiem biex tippreżenta tweġiba; u n-nuqqas ta' tweġiba fiż-żmien hawn fuq imsemmi jitqies bħala ammissjoni tat-talba miġjuba fir-rikors.
> >
> > »"(2) Meta jkun hemm raġuni li għaliha wieħed għandu jaħseb illi l-inkapaċità ġejja minn mard tal-moħħ jew raġunijiet oħra li min-ħabba fihom ma tkunx tista' ssir dik it-tweġiba, il-qorti tieħu l-passi li jidhrilha sewwa u meħtieġa biex tiżgura ruħha mill-fatti."
>
> »L-esponenti jissottomettu li l-artikolu 518 ma jikkontjenix lista eżawrjenti tal-każijiet li fihom tista' tintalab it-tneħħija ta' esekutur testamentarju, imma għall-kuntrarju każijiet oħra li fihom ma hemrnx rifjut pożittiv jew inkapaċità da parti tal-esekutur testamentarju, imma

fejn xorta teżisti "raġuni tajba" fit-termini tal-artikolu 776 tal-Kap. 16, huma regolati bl-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 519.

»Skont dan is-sub-artikolu, f'każijiet simili l-qorti għandha tinnotifika r-rikors lill-esekutur li tiegħu qed tintalab it-tneħħija, tikkonċedilu erbat ijiem żmien għal tweġiba, u jkompli jiġi pprovdut li "n-nuqqas ta' tweġiba fiż-żmien hawn fuq imsemmi jitqies bħala ammissioni tat-talba miġjuba fir-rikors".

»Għalhekli l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta qalet li sabiex jitneħħa esekutur huwa meħtieġ li tkun inġabet prova dwar ir-rifjut pożittiv jew inkapaċità tiegħu u li l-eseketur ikun naqas li jwieġeb għat-talba ta' sostituzzjoni. Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma alternattivi għal xulxin u mhux kumulattivi. Isegwi minn dan kollu li, inkwantu bbażata fuq din il-premessa skorretta, anki l-konklużjoni tagħha fis-sens li l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja setgħet biss tissospendi u mhux tneħħi lill-esekutur testamentarju għandha tiġi skartata.«

15. Essenzjalment li qegħdin igħidu l-konvenuti appellanti huwa illi n-nuqqas tal-attur li jwieġeb u li jidher quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja kien irrimedjabilment fatali u b'ebda mod ma seta' l-attur jiġġustifika dan in-nuqqas tiegħu.

16. Rajna iżda illi l-ewwel qorti, għal raġunijiet li din il-qorti tqies li huma tajbin u biżżejjed, sabet illi n-nuqqas tal-attur kien ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u li għalhekk ma kien hemm ebda raġuni għala kellu jiġi mċaħħad mill-jedd illi jinstema' qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija tiegħu.

17. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. Il-konvenuti jfissru l-ħames aggravju hekk:

»Il-ħames aggravju huwa fis-sens li, mingħajr preġudizzju għall-premess, anki jekk, għall-grazzja tal-argument biss, jista' jiġi kkunsidrat li l-interpretazzjoti li tat l-ewwel qorti lil dawn l-artikoli hija korretta inkwantu ibbażat ruħha fuq tali interpretazzjoni, dik il-qorti marret *ultra petita* u *extra petita* l-premessi u t-talbiet tal-attur. Imkien fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur ma talab ir-revoka tad-dikriet tas-7 ta' Mejju 2004 għaliex il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ma setgħetx tneħħih mill-kariga tiegħu abbażi tal-artikolu 518 u 519. Huwa llimita ruħu sabiex jilmenta mill-konstatazzjoni ta' dik il-qorti li huwa ma kellux interess fl-esekutorija. … … …

»Mingħajr ma kienet mitluba mill-attur – mhux biss fiċ-ċitazzjoni nnifisha imma lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu – tippronunzja ruħha fuq proċeduralment il-qorti ta' ġurisdizzjoni [volontarja] kinitx korretta meta neħħietu mill-kariga b'applikazzjoni ta' dawn l-artikoli, l-ewwel onorabbli qorti minn rajha u b'sorpriża għal kulħadd esprimiet ruħha fuq dan il-punt u ġġustifikat is-sentenza tagħha fuq interpretazzonl, *del resto* skorretta, tal-artikoli applikabbli.

»Jidher li l-ewwel onorabbli qorti żgwidat ruħha anki f'dan ir-rigward meta ġiet biex tikkunsidra l-ħames eċċezzjoni tal-esponenti Dottor Galea *nomine* u minflok ma kkunsidrat dik l-eċċezzjoni bħala intiża sabiex topponi t-talba tal-attur, irnexxielha tittrasformaha f'bażi għal dawk it-talbiet. Bl-eċċezzjoni tiegħu l-esponenti qiegħed igħid li d-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2004 ittieħdet in ottemporanza mal-liġi u "għalhekk, indipendentement minn kull kundizzjoni oħra, dik id-deċiżjoni hija korretta, insindikabbli u kwindi ma tistax tiġi revokata". Imma la l-attur u lanqas ħaddieħor ma argumenta b'xi mod, waqt is-smigħ tal-kawża quddiern l-ewwel onorabbli qorti, li l-artikolu 518 ma jawtorizzax lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja li tħeħħi esekutur testamentarju mill-kariga tiegħu jekk huwa juri li ma għandux interess fl-esekutorija, u li kwindi dik il-qorti ma messhiex neħħiet lill-esekutur imma imma biss setgħet tissospendih mill-kariga tiegħu. L-attur innifsu igħid biss li l-konklużjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja li huwa ma kellux interess fl-esekutorija ma kinitx korretta, u huwa fuq dik il-bażi u fuq l-ebda bażi oħra li l-ewwei onorabbli qorti kienet imsejħa sabiex tiddeċiedi l-kawża miġjuba quddiemha. Kwalsiasi kunsiderazzjoni oħra mhux biss kienet superfluwa imma ma hijiex permessa skont il-liġi proċedurali ta' pajjiżna.«

19. Huwa minnu li l-premessa għat-talba tal-attur biex jitħassar id-dikriet li neħħieh minn esekutur kienet li "huwa bl-ebda mod ma jista' jitqies li kellu nuqqas ta' interess fl-eredità", u illi huwa "jixtieq li jkompli jippresta s-servizzi tiegħu bħala esekutur testamentarju", u mhux minħabba xi nuqqas fil-proċedura li wasslet għal dak id-dikriet. Huwa minnu wkoll iżda illi fost ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' t-talba kien hemm dik illi "l-fatti, kif anke jirriżultaw mill-provi prodotti f'din il-kawża, juru li l-attur altru milli kellu interess ikompli jaqdi l-inkarigu tiegħu f'din l-esekutorija", u illi "billi rriżultaw provi suffiċenti li jindikaw b'mod mill-iżjed konvinċenti li l-attur qatt ma tilef l-interess f'din l-esekuterija, il-pretensjonijiet tiegħu rriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma". Dawn ir-raġunijiet kienu biżżejjed biex tinlaqa t-

talba tiegħu, ukoll mingħajr il-ħtieġa tal-konsiderazzjonijiet fuq proċedura magħmula mill-ewwel qorti.

20. Ma huwiex minnu, għalhekk, illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti kienet *extra petita* jew *ultra petita*, u dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

21. Is-sitt u s-seba' aggravji u l-ewwel parti tat-tmien aggravju huma marbuta flimkien u ġew imfissra hekk:

> »Is-sitt aggravju
>
> »… … … l-esponenti jissottomettu li fiċ-ċirkustanzi tal-każ id-deċiżjoni meħuda mill-qorti ta' ġurisdizzjoni olontarja hija insindikabbli mill-qorti kontenzjuża, … … …
>
> »Sabiex jispjegaw ruħhom aħjar fuq dan l-aggravju, l-esponenti jagħmlu riferenza għal dak diġà espost fil-kuntest tar-raba' aggravju dwar x'jipprovdu l-artikolu 776 tal-Kap. 16 u l-artikoli 518 u 519 tal-Kap. 12, b'mod partikolari ghal dak ipprovdut fis-subartikolu 1 tal-artikolu 519.
>
> »Jirriżulta minn dawn id-disposizzjonijiet li f'każ fejn l-esekutur li tiegħu qed tintalab is-sostituzzjoni jonqos milli jwieġeb fit-terminu konċess lilu mill-qorti, il-liġi stess toħloq preżunzjoni li huwa ammetta t-talba Għaldaqstant, l-eżami tal-qorti kontenzjuza għandu jkun limitat sabiex tivverifika jekk l-esekutur ikunx ġie innotifikat bir-rikors għat-tneħħija tiegħu, jekk ikunx ilu li ġie nnotifikat b'iktar minn erbat ijiem qabel id-data tas-smigħ, u jekk ikunx ippreżenta risposta għar-rikors. Jekk ir-risposta għall-ewwel żewġ domandi tkun fil-pożittiv u dik ghat-tielet domandat tkun fin-negattiv, l-eżami għandu jieqaf hemm. Il-qorti kontenzjuza ma għandhiex il-fakultà li tisma' xiehda oħra b'żieda ma' dawk li jkunu nstemgħu quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u, anki jekk effettivament tisma' x-xiehda, ċertament ma tistax tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.
>
> »Is-seba' aggravju
>
> »Issa fil-kawża odjema l-ewwel onorabbli qorti mhux biss għaddiet sabiex tippermetti lill-attur li jressaq kull prova li deherlu li għandu jressaq, saħansitra kontra l-oġġezzjoni tal-konvenut (għaliex dakinhar kienet għadha ma seħħitx il-kjamata fil-kawża tal-esekutur l-ieħor Dottor Galea), ippermettietlu jressaq provi ġodda wara li huwa kien diġà għalaq l-istadju tal-provi tiegħu. L-esponenti qiegħed hawnhekk jirreferi għad-digriet tas-7 ta' Ottubru 2008.
>
> »Huwa sottomess bir-rispett li l-motivazzjoni ta' dak id-digriet imkien ma indirizzat il-punti li jissemmew hawn fuq, ċjoè dwar jekk huwiex permissibbli li f'kawżi ta' dan il-generu l-esekutur li jkun qed jitlob ir-revoka tad-dignet li bih huwa jkun tneħħa ma għandux il-fakultà li

> jressaq xiehda *oltre* dawk li jkunu eventwalment instemgħu quddiem il-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja.
>
> »… … …
>
> »It-tmien aggravju
>
> »… … … L-ewwel onorabbli qorti effettivament ibbażat is-sentenza tagħha fuq il-provi mismugħa quddiemha u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi issostitwiet il-ġudizzju tagħha flok dak tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni [volontarja], u *di più* għamlet hekk billi ħadet in kunsiderazzjoni xhieda u provi li, fit-termini tal-artikoli ċitati hawn fuq, skont il-liġi hija kienet prekluża kemm milli tieħu in kunsiderazzjoni dawk ix-xhieda u dawk id-dokumenti ulterjuri kif ukoll milli tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja.«

22. Għar-raġunijiet mogħtija f’dan l-aggravju l-konvenuti talbu wkoll li jitħassar dikriet illi bih l-ewwel qorti kienet ippermettiet lill-attur li jressaq xi xiehda.

23. Effettivament li jridu l-konvenuti appellanti hu illi l-attur jiġi mċaħħad mill-jedd li jinstema’.

24. Qabel xejn ma huwiex minnu illi dikrieti ta’ qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja ma humiex sindikabbli minn qorti ta’ ġurisdizzjoni kontenzjuża, u lanqas ma huwa minnu illi l-presunzjoni ta’ ammissjoni li toħroġ mill-art. 519(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma tistax titwarrab għal raġunijiet tajba. Fil-każ tallum rajna illi l-ewwel qorti stħarrġet dwar jekk kienx hemm raġuni tajba biex twarrab dik il-presunzjoni, kif kellha kull setgħa li tagħmel, u sabet illi n-nuqqas tal-attur li jwieġeb ma kellhiex titqies bħala ammissjoni. Din il-qorti, għar-raġunijiet mogħtija fuq[2], taqbel ma’ din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

25. Naturalment, ladarba l-attur ma kienx deher quddiem il-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja, ma setax jixhed quddiem dik il-qorti dwar

---

[2] Para. 13 *supra.*

x'kienet ir-raġuni għala ma deherx, u biex tkun tista' tgħid jekk dik ir-raġuni kinitx tajba l-ewwel qorti kellha bilfors tisma' x-xiehda tal-attur fuq dik ir-raġuni kif ukoll fuq jekk hemmx raġuni tajba biżżejjed biex jitneħħa minn esekutur. B'hekk ma tkunx qiegħda "tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja" ladarba l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja ma tkun tat ebda ġudizzju fuq ir-raġuni għala l-attur ma deherx quddiemha. Imbagħad, il-qorti ta' ġurisidzzjoni kontenzjuża għandha s-setgħa li tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja dwar jekk hemmx raġuni tajba għat-tneħħija tal-attur, aktar u aktar meta tqis illi l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja waslet għal dak il-ġudizzju bla ma semgħat lill-attur.

26. Dawn l-aggravji wkoll huma għalhekk miċħuda.

27. Fit-tieni parti tat-tmien aggravju u f'dak li huma sejħulu "aggravju sussidjarju", li jolqtu l-istress argument, il-konvenuti jgħidu hekk:

> »It-tmien aggravju
>
> »… … … L-esponenti Dottor Carmelo Galea jirrileva wkoll, f'dan ir-rigward, li x-xhieda li nstemgħu u l-*affidavits* kollha li ġew prodotti qabel ma huwa ġie kkjamat fil-kawża ma jistgħux jagħmlu stat kontra tiegħu għaliex huwa qatt ma vverbalizza li qiegħed b'xi mod jeżenta lill-attur milli jerga' jisma x-xhieda kollha li kienu ġew ippreżentati qabel il-kjamata tiegħu fil-kawża. … … … Il-kjamat fil-kawża lanqas biss ġie innotifikat bl-*affidavits* li kienu laħqu ġew prodotti qabel il-kjamata fil-kawża tiegħu, u ċertament li ma nstemgħu xejn iktar provi mid-data ta' meta seħħet il-kjamata fil-kawża sad-data tas-sentenza. Difatti, il-kjamat fil-kawża sar jaf bix-xiehda li ttieħdu in kunsiderazzjoni mill-qorti biss fil-mument li ngħatat is-sentenza, u minnha Dottor Galea ntebaħ li l-ewwel onorabbli qorti ħadet in kunsiderazzjoni *affidavits*, xiehda u allegazzjonijiet li dwarhom huwa ma kien jaf xejn.
>
> »Aggravju sussidjarju
>
> »Dan il-fattur iwassal għal aggravju finali sussidjarju da parti tal-kjamat fil-kawża fis-sens li jekk jiġu skartati l-aggravji kollha preċedenti, din l-onorabbli qorti għandha xorta tannulla s-sentenza tat-8 ta' Jannar

2013 għaliex din ħadet in kunsiderazzjoni dokumenti prodotti, *affidavits* ippreżentati u xhieda mismugħa qabel ma l-kjamat fil-kawża ġie nnotifikat bir-rikors ġuramentat, u tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel onorabbli qorti sabiex dan in-nuqqas proċedurali jiġi rimedjat. Dan jista' jsir biss billi l-esponenti jiġi nnotifikat bid-dokumenti u *affidavits* kollha li kienu ġew ippreżentati qabel in-notifika tiegħu bir-rikors ġuramentat, u jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid ix-xhieda kollha li xehdu *viva voce* qabel dik in-notifika sabiex huwa jkun jista' jissuġġettahom għall-kontroeżami, u wara, jekk ikun il-każ, iressaq il-provi jidhirlu xierqa sabiex jirribatti dawk ix-xhieda.«

28. Huwa minnu illi l-Avukat Galea, bħala msejjaħ fil-kawża, kellu jiġi notifikat bl-atti u b'kull *affidavit* u kellu wkoll fakoltà jitlob li jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu xehdu qabel ma hu ssejjaħ fil-kawża. Iżda l-Avukat Galea, bħala avukat u uffiċjal tal-qorti, għandu wkoll dmir ta' lealtà lejn il-qorti u, jekk kellu l-ħsieb li jinqeda b'dik il-fakoltà, ma kellux iħalli li l-kawża titkompla bla ma jagħmel xejn sabiex il-kwistjoni jqajjimha biss f'dan l-istadju.

29. Il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2010 quddiem l-ewwel qorti – wara li saret is-sejħa fil-kawża u n-notifika relativa lill-Avukat Galea – igħid hekk:

»*In vista* tal-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża Dr Carmelo Galea l-qorti tawtorizza lid-difensuri tal-partijiet sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-istess kjamat fil-kawża, u tiddeferixxi l-kawża għas-sentenza in parti għall-4 ta' Novembru 2010, bil-fakultà li jsiru n-noti.«

30. L-Avukat Galea ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fl-20 ta' Lulju 2010. Huwa minnu illi n-nota kellha tkun biss dwar uħud mill-eċċezzjonijiet tal-imsejjaħ fil-kawża iżda l-qorti tara iebsa li temmen illi l-Avukat Galea ma rax l-atti u x-xiehda kollha fil-proċess biex jara humiex relevanti għal dawk l-eċċezzjonijiet.

31. Ukoll jekk tista' b'xi mod temmen li l-Avukat Galea għalaq għajnejh għal dak kollu li ma kienx relevanti għal dawk l-eċċezzjonijiet, għandu jingħad ukoll illi fis-17 ta' Ottubru 2012 il-partijiet, u fosthom għalhekk l-imsejjaħ fil-kawża, ingħataw il-fakoltà jagħmlu nota oħra ta' sottomissjonijiet, din id-darba fuq il-meritu kollu. L-Avukat Galea ippreżenta n-nota tiegħu fit-18 ta' Diċembru 2012 u l-qorti ma għandhiex dubju li biex għamel hekk fela l-proċess kollu u ra kull dokument, kull xiehda u kull *affidavit* fil-proċess.

32. Il-qorti għalhekk taraha daqstant ieħor iebsa li temmen lill-Avukat Galea meta jgħid li kien biss minn qari tas-sentenza finali li "ntebaħ" li l-ewwel qorti qieset ix-xiehda kollha fil-proċess u "li dwarhom huwa ma kien jaf xejn".

33. Wara s-sejħa tal-Avukat Galea fil-kawża u wara l-4 ta' Novembru 2010, meta ngħatat is-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet, saru seduti oħra fil-kawża quddiem l-ewwel qorti fis-26 ta' Jannar 2011, fit-8 ta' April 2011, fis-7 ta' Ottubru 2011, fil-15 ta' Diċembru 2011, fit-22 ta' Marzu 2012, fit-3 ta' Mejju 2012, fis-26 ta' Ġunju 2012, fis-17 ta' Ottubru 2012 u fit-8 ta' Jannar 2013 meta ngħatat is-sentenza finali.

34. F'ebda waħda minn dawn is-seduti l-Avukat Galea ma nqeda bl-opportunità li jitlob li jerġgħu jinstemgħu x-xhieda jew li jagħmlilhom kontro-eżami jew li jiġi notifikat b'kull *affidavit* fil-proċess – għalkemm il-qorti ma għandha ebda dubju li kien jaf bihom – u għalhekk huwa b'nuqqas ta' lealtà, u pależement bil-ħsieb li l-proċeduri jitwalu, forsi

sabiex isseħħ il-kondizzjoni sospensiva dwar il-wirt, li dan l-ilment qiegħed jitqajjem issa.

35. Il-qorti għalhekk tiċħad l-aggravju.

36. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, li kollox ma' kollox tqisu x'aktarx fieragħ u maħsub biss biex jitwalu l-proċeduri, u tikkonferma kemm is-sentenza appellata u kemm id-dikriet dwar produzzjoni ta' xiehda.

37. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df